-INTERPRETAZZJONI TA' KUNTRATTI -

ART 1002 – KAP 16

-SELF-

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Frar, 2002.**

**Kawza Numru: 47**
**Citazzjoni Numru: 1008/96/RCP**

**Emmanuel Avallone.**

**vs**

**Centru Speranza fl-Inkapacitati.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 fejn gie premess:-

Illi l-attur kien sellef lic-Centru konvenut *"brevi manu"* s-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) minghajr imghax

restitwibbli a semplici rikjesta tal-attur u dan b'kuntratt tan-Nutar Joseph Brincat tal-20 ta' Awissu 1984;

Illi l-attur interpella diversi drabi lic-Centru konvenut biex jirrestitwilu s-somma lilu mislufa, u dan nonostante l-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi l-istess attur talab li c-Centru konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tikkundanna lill-istess Centru konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) flus lilu mislufa u dovuta kif fuq inghad, u bl-interessi legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra c-centru konvenut li l-membri tieghu huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 5 tal-process u kopja tal-kuntratt pubblikat min-Nutar Joseph Brincat tal-20 ta' Awissu 1984 esebit bhala Dok. "A". a fol. 6 sa fol. 10 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tac-Centru konvenut fejn ecceppixxa:-

(1) Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li dawn gja kienu jifformaw il-mertu tal-kawza numru 81/85/VCC li giet deciza

definittivament mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta' Dicembru 1991 u kwindi l-attur ma jistax jitlob l-istess ammont ghal darbtejn.

(2) Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess it-tabiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li l-attur ma silef xejn lill-konvenut. *Se mai* kienet martu li kienet silfet il-flus lill-konvenut bi flusha u bi flus ommha. Fil-fatt l-attur qatt ma hareg xejn minn butu w istitwixxa dil-kawza bil-pika ma' martu li kontra taghha isitwixxa proceduri ta' separazzjoni personali.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Kavallier Alfred Delia a fol. 14 tal-process.

Rat il-verbali tas-7 ta' Novembru 1996, 13 ta' Jannar 1997, 5 ta' Marzu 1997, 10 ta' Ottubru 1997, 31 ta' Ottubru 1997, 20 ta' Frar 1998, 18 ta' Mejju 1998, 20 ta' Novembru 1998, u 14 ta' April 1998 fejn l-attur iddikjara li ma ghandux provi izjed; tal-14 ta' Mejju 1999, 28 ta' Gunju 1999, 29 ta' Novembru 1999, 10 ta' Mejju 2000, 11 ta' Ottubru 2000, 7 ta' Dicembru 2000; 14 ta' Marzu 2001, 24 ta' April 2001, 10 ta' Mejju 2001, 3 ta' Lulju 2001, u 21 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti stante li r-rikors tac-centru konvenut tat-2 ta' Lulju 2001 ma giex notifikat lill-kontro-parti *ai termini* tad-digriet ta' din il-Qorti datat 3 ta' Lulju 2001, il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenut kontenuta fl-istess rikors, u halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2002.

Rat in-nota tal-konvenut tal-5 ta' Marzu 1997 fejn giet esebita kopja tas-sentenza citata fl-ewwel eccezzjoni tieghu, kollox a fol. 21 sa fol. 31 tal-process.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut datat 19 ta' Dicembru 1997 a fol. 37 sa fol. 38 tal-process.

Rat in-nota tac-centru konvenut tal-24 ta' Frar 1998 a fol. 40 tal-process fejn l-istess konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu.

Rat l-affidavit tal-attur tal-14 ta' April 1999 a fol. 46 tal-process.

Rat in-nota tac-Centru konvenut tal-25 ta' Awissu 1999 li biha esebixxa x-xhieda ta' Dr. Joseph Schembri, Concetta Avallone, Alfred Delia, in-Nutar Joseph Brincat, Mary Gatt, Carmel Bugeja, Joseph Borg, u Victor Vella li inghataw fil-kawza Citaz. Numru 81/85/VCC minn fol. 50 sa fol. 79 tal-process.

Rat in-nota tal-avukat Dr. Joseph Schembri tal-1 ta' Marzu 2001 fejn iddikjara li huwa ma kienx ser jibqa' jippatrocinja lill-konvenut f'din il-kawza.

Rat li ghalkemm il-konvenut gie notifikat bl-avviz tas-smiegh fil-5 ta' April 2000 baqa' ma pprezenta ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk waqa' kontumaci.

Rat ir-rikors tat-2 ta' Lulju 2001 tal-konvenut, id-digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Lulju 2001, u id-digriet ulterjuri tal-21 ta' Novembru 2001 fejn cahdet it-talba tal-istess konvenut fir-rikors premess.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. L-AZZJONI ATTRICI.

Illi l-azzjoni attrici saret stante li l-attur qed jitlob ir-rifuzzjoni tal-ammont ta' Lm2,000 li huwa silef lic-Centru konvenut skond kif jirrizulta minn kuntratt pubbliku datat 20 ta' Awissu 1984 pubblikat minn Nutar Joseph Brincat u li kopja tieghu tinsab esebita a fol. 6 tal-process bhala Dokument "A".

Illi in effetti mill-istess kuntratt jirrizulta li kienet dehret fuqu mart l-attur Concetta mart Emanuel Avallone u dan f'isimha proprju u ghan-nom tal-istess attur, skond prokura annessa mal-istess kuntratt bhala Dokument "B", u li tinsab esebita wkoll a fol. 10 tal-process, u li *ai termini* tal-istess kuntratt *inter alia* l-istess attur u martu selfu lic-Centru konvenut l-ammont ta' Lm2,000, liema somma l-istess ghaqda iddelegat lill-mutwanti biex ihallsu il-prezz ta' bejgh ta' immobbli hemm deskritti fl-istess kuntratt li gie akkwistat

mill-istess ghaqda u dan sabiex jigi salvagwardat favur tal-istess mutwanti l-privilegg specjali skond il-ligi.

Illi tali self kellu jigi rifuz lill-mutwanti *a semplici* rikjesta minghajr interessi, u l-istess kreditu gie kawtelat permezz tal-privilegg specjali, b'dan li Alfred Delia, u Concetta Avallone proprju *et nomine* ipposponew d-drittijiet taghhom ghal dawk tal-avukat Dottor Joseph Schembri nomine.

Illi minn naha tieghu ic-Centru konvenut qed isostni li l-attur ma silef xejn lill-istess Centru u dan peress li l-istess ammonti kienu jappartjenu lill-martu u lill-ommha, u fid-dikjarazzjoni inghad li originarjament kienet ser issir donazzjoni, izda fuq suggeriment tad-difensur originali tal-istess Centru konvenut, tali flus kienu inghataw b'self, u l-kontrajenti kollha li hargu l-istess flus sabiex jinxtara l-istess immobbli biex jigu utilizzati mill-istess Centru qabblu kollha mieghu.

**B. PROVI PRODOTTI.**

Illi l-**attur Emanuel Avallone** bl-affidavit tieghu a fol. 46 tal-process sostna li huwa kien li silef l-istess ammont lic-Centru konvenut permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Awissu 1984, u ghalih kienet dehret martu fuq l-istess kuntratt u fil-fatt kien ghamel prokura sabiex l-istess tidher ghalih u sostna li l-istess flus kienu tieghu ghaliex fil-fatt martu kienet talbitu l-permess, u kieku kienu ta' omm il-mara ma kinetx taghmel dan, kif lanqas kieku kien hemm bzonn li huwa jidher fuq il-kuntratt. Illi tali ammont huwa talbu kemm

il-darba lic-Centru konvenut, kif kellu dritt jaghmel skond il-kuntratt, izda dan baqa' inadempjenti, anke peress li martu li kien qed jissepara minnha fil-mori tal-kawza kienet segretarja tal-istess Centru, u peress li l-flus qatt ma gew ritornati lilu huwa ghamel din il-kawza.

Illi l-**Avukat Dottor Joseph Schembri** sostna li huwa kien qed jidher fuq l-istess kuntratt ghan-nom tal-klijent tieghu Victor Vella u s-socjeta` tieghu hemm indikata, li qallu li kien avvicinah Alfred Delia li talbu sabiex jaghti bhala donazzjoni s-somma ta' Lm2,000 lic-Centru peress li dan kien ser jixtri dar Birkirkara biex jkkonvertuha f'dar ghall-inkapacitati. Dan Alfred Delia u mart l-attur kienu jokkupaw l-karigi rispettivi ta' President Sezzjoni Irgiel u Presidentessa Sezzjoni Nisa tal-istess Centru, u avvicinawh ukoll u qallu li d-dar li kienet ser tinxtara kienet tiswa Lm6,000, u l-klijent tieghu kien ser johrog Lm2,000 ghaliex l-Lm4,000 l-ohra kienu sabu min johroghom.

Illi l-istess avukat kompla li mart l-attur qaltlu li ommha kienet harget parti sostanzjali mill-istess somma ta' Lm2,000, li kienet ser tinghata lic-Centru b'donazzjoni. Illi l-istess xhud ta parir lill-klijent tieghu li monflok issir donazzjoni jsir self sabiex jaccertaw ruhhom li din id-dar kienet fil-fatt ser issir Centru tal-Inkapacitati, u jekk dan ma jsirx il-klijent tieghu jkollu id-dritt li jiehu l-flus li hareg lura.

Illi peress li x-xhud deher ghall-klijent tieghu fuq il-kuntratt permezz ta' prokura apposita, huwa qal b'dan is-suggeriment tieghu lin-Nutar, u l-ohrajn kollha li kienu ser

iselfu l-flus, u dawn qabblu mal-istess inkluzi Concetta Avallone u l-istess Alfred Delia, allavolja dawn ta' l-ahhar kienu certi li l-istess flus kienu ser jigu utilizzati kif inghad ghax-xiri tal-istess post, u ghalhekk *"gie definittivament deciz illi flok kuntratt ta' donazzjoni w akkwist ikun hemm kuntratt ta' self w akkwist tal-istess proprjeta` 131, Valley Road, Birkirkara".*

Illi dan kollu gie spjegat lil Carmel Bugeja li kien ser ibiegh id-dar bi prezz mhux gholi u dan qabel ukoll mal-istess proposta, u in vista ta' dan l-istess Bugeja zamm id-dritt ta' *"first refusal"* f'kaz li d-dar tigi mibjugha kif jirrizulta minn klawsola numru 2 tal-istess kuntratt. Dwar dan qabel ukoll l-istess Nutar. Ix-xhud sostna li l-attur kien prezenti waqt il-kuntratt pero` telaq qabel ma gie iffirmat, u Joseph Borg kien prezenti wkoll.

Illi f'seduta ohra sostna li l-hsieb ta' Victor Vella kien li ssir donazzjoni, pero` huwa kien tah parir mod iehor sabiex jissalvagwardja l-interessi tieghu, u fil-fatt ghalhekk sar kuntratt ta' self tant li ma tnizzel xejn aktar fil-kuntratt, lanqas li jekk fil-fatt il-post jinxtara mic-Centru u jigi utillizat ghall-bzonnijiet ta' l-inkapacitati l-flus ma kienux jibqghu indikati bhala self izda bhala donazzjoni, anke ghaliex hadd ma ssugerixxa din il-formola.

Illi fl-ahhar qal li l-privilegg qatt ma tnehha peress li sa dak in-nhar li xehed fl-20 ta' April 1988 l-istess dar kienet ghadha ma infethitx bhala dar residenzjali ghall-inkapacitati u kif issir hekk jitnehha, dejjem jekk jigi awtorizzat li

jaghmel dan minn Victor Vella, li ghalih, jew ahjar ghas-socjeta` tieghu hemm indikata kien deher fuq l-istess kuntratt.

Illi **Concetta Avallone** xehdet li hija u zewgha kienu prezenti ghall-kuntratt, pero` l-attur telaq wara li gie ffirmat. Sostniet li l-iskop *"tal-kuntratt in kwistjoni kien self. Nghid li l-intenzjoni tal-partijiet dak in-nhar kien li jsir is-self u din l-intenzjoni kienet hekk minn dejjem".* Kienu dehru fuq il-kuntratt sabiex jaghtu s-self hija, zewgha, l-avukat Dr. Joseph Schembri ghan-nom tal-klijent tieghu u Alfred Delia. Sostniet li l-istess ammont ta' Lm2,000 li dwarhom qed issir il-kawza mhux kollha tal-attur, izda parti hija ta' ommha fl-ammont ta' Lm1,000 u r-rimanenti huma taghha u tal-attur, li hija kienet irceviet mid-ditta Blue Bell meta hija irrizenjat mix-xoghol li kellha.

Illi **Alfred Delia** xehed li huwa President u Fundatur tal-Ghaqda konvenuta, u l-membri tal-kumitat meta sar il-kuntratt kienu huwa, l-attur u martu. L-attur kellu fil-pussess tieghu u tal-ghaqda oggetti tal-istess Centru fl-ammont ta' Lm2,000 li kienu ghadhom ghandu meta l-istess xhud ta ix-xhieda tieghu. Inhadet d-decizjoni li jinxtara post sabiex jigi utilizzat bhala Centru tal-Inkapacitati u l-ammont kellu jinhareg minnu, minn mart l-attur u persuna ohra li kienu ghad irid isibu, u li fl-ahhar irrizulta li kienet Victor Vella. Thajru ghall proprjeta` f'Birkirkara ta' Carmel Bugeja, u l-prezz ta' Lm6,000 kellu jinqasam kif inghad iktar il-fuq, u l-ispejjez tal-kuntratt fl-ammont ta' Lm300 hallashom huwa.

Illi dan l-ammont thallsu kwantu ghall-Lm2,000 minnu, Lm2,000 minn Victor Vella, u Lm2,000 minn mart l-attur li Lm800 minnhom kienet isselfithom minghand ommha, u Lm1,200 l-ohra kienu *gratuity* li kienet irceviet mill-Blue Bell. Sostna li l-flus kellhom jinghataw minn Concetta Avallone b'donazzjoni ghaliex kemm huwa u kemm hija kellhom familjari li kienu inkapacitati. Qal li l-istess Carmen Avallone peress li kienet ser tohrog il-flus hija ma kinetx gabet lill-zewgha maghha, izda in-Nutar insista li dan kellu jkun prezenti, u fil-fatt cemplulu u gie minn fuq ix-xoghol u ffirma l-kuntratt u mar il-barra.

Illi kompla jghid li kien l-Avukat Schembri li ssugerixxa li minflok donazzjoni jsir self, u fil-fatt hekk sar. In kontro-ezami qal ukoll li raguni ohra li jsir self u mhux donazzjoni kienet sabiex isir il-privilegg specjali favur il-mutwanti fuq il-fond mixtri mill-istess Centru, u dan apparti is-sospensjoni tad-drittijiet taghhom favur Victor Vella u d-dritt ta' *first refusal* favur il-venditur jekk tali fond jinbiegh fi zmien 15-il sena mid-data tal-kuntratt tal-20 ta' Awissu 1984.

Illi n**-Nutar Joseph Brincat** qal li kien sar kuntratt ta' self u bejgh kif hemm indikat fl-istess kuntratt tal-20 ta' Awissu 1984. Illi dwar l-istess kuntratt l-istess xhud qal testwalment illi:-

*"Nghid li jiena fil-konfront tal-kuntratt in kwistjoni certissimu li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li saret "loan" mill-partijiet lil min kien qieghed jixtri".*

Illi **Mary Gatt, omm Concetta Avallone** sostniet li l-attur u bintha kienu talbuha tislifhom is-somma ta' Lm1,000 sabiex dawn jassitu bihom lic-Centru Speranza tal-Inkapacitati biex jakkwistaw il-fond imsemmi, u bl-iskop li l-flus jergghu jigu rifuzi lilha. Hija tat il-flus lit-tifla u stenniet li t-tifla terga' taghtihomlha lura. Ma dehritx fuq il-kuntratt ghaliex hadd ma kien qalilha biex tidher. F'dak iz-zmien l-attur u martu kienu ghadhom flimkien u l-flus inghataw quddiem l-attur ghalkemm ma kinetx qaltlu li huwa kien xhud li l-istess ammont inghata lill martu.

Illi **Carmel Bugeja** xehed li huwa kien biegh il-fond in kwistjoni u Alfred Delia kien qallu li kien ser jissellef xi flus minghand diversi persuni sabiex jinxtara l-istess post minn ghandu. Delia kien ikkonfermalu li s-self kien fil-fatt sar. Kien biss certu Gamri Vassallo li kellu jaghmel donazzjoni ta' Lm500 pero` dan baqa' ma ghamel xejn minn dan. L-avukat Schembri ghan-nom tal-klijent tieghu kien insista ghall-privilegg specjali, u s-sospensjoni tal-privilegg tal-persuni l-ohra li kienu ser iselfu l-istess flus a favur il-klijent tieghu, kif fil-fatt gara fl-istess kuntratt.

Illi **Joseph Borg** xehed li huwa kien immur jghin fl-istess Centru u sar jaf li l-istess ghaqda kienet ser tixtri post fl-inhawi ta' Hal-Balzan u kumpanija kienet ser tghinhom jixtru l-istess post. Kien prezenti ghall-kuntratt pero` ma jafx taht liema titolu ghaddew il-flus sabiex jinxtara l-istess fond. Huwa kien deher fuq l-istess kuntratt flimkien ma Delia, Concetta Avallone u Alfred Delia ghan-nom tal-istess Centru Speranza fl-Inkapacitati. Illi l-avukat kien

issugerixxa li l-flus jinghataw self, u kif jinbena l-post il-gdid dawn isiru b'donazzjoni, pero` ma jafx jekk Alfred Delia u Concetta Avallone ghamlux l-istess.

Illi **Victor Vella** sostna li huwa kien inkariga lill-Avukat Dottor Joseph Schembri sabiex jidher ghalih fuq kuntratt fejn kellu jaghti s-somma ta' Lm2,000 sabiex l-istess Centru jixtri din il-propjeta`, wara li kien gie avvicinat minn Alfred Delia, u kien ta struzzjonijiet lill-istess avukat biex jaghmel cert li l-istes fondi kienu ser jigu utilizzati ghall-karita`. Illi lil Alfred Delia kien qallu s-segwenti:-

*"Jiena kont ghidtlu li l-flus li kont qed naghtihom dawn kienu ser jibqghu b'self, sakemm il-fond in kwistjoni jibqa' proprjeta` tac-Centru Speranza fl-Inkapacitati".*

Illi dan sar ghaliex huwa ried jaccerta ruhu li l-fond wara ma jsirx proprjeta` personali ta' xi hadd u huwa ta l-flus bhala *donation* lic-Centru. Illi fil-kontro ezami sostna li l-avukat Dr. Joseph Schembri kien deher ghalih fuq l-istess kuntratt u qatt ma ta l-kunsens tieghu sabiex l-istess privilegg specjali hemm indikat jigi kancellat, u huwa ma kienx prezenti ghal-kuntratt, u l-privilegg specjali kien hallieh sabiex il-flus li ta ma kienux jigu uzati ghall-skopijiet personali izda biex jigu uzati ghall-skopijiet filantropici, kif fil-fatt jaf li qed jintuzaw, izda xorta ma nehhiex il-privilegg.

## C. APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi kif jidher mill-kuntratt pubbliku redatt minn Nutar Joseph Brincat jidher car li l-istess komparenti Alfred Delia, Concetta Avallone fil-kwalita` taghha premessa, u s-socjeta` Stones Company Limited ghaddew il-flus hemm indikati, fosthom dawk mertu tal-kawza odjerna, taht titolu ta' self lill-Ghaqda konvenuta, kif jidher mill-ewwel paragrafu a fol. 7 tal-process.

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-kliem tal-istess kuntratt huwa car u ma jhalli l-ebda dubju dwar is-sinifikat tieghu, tant li gie maqbul bejn l-istess partijiet kontrajenti li tali ammonti rispettivi kellhom jigu rifuzi a semplici rikjesta, apparti li qabblu wkoll dwar il-mod li tali flus kellhom jigu wtilizzati sabiex jinxtara l-post indikat mill-istess Centru, u l-flus gew imhallsa direttament lill-venditur, bi privilegg specjali fuq l-immobbli jikkawtela l-interessi tal-mutwanti ghall-istess ammonti, u ghalhekk ma hemm l-lok ta' ebda interpretazzjoni.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. RCP.30 ta' Novembru 2000) *"ghalhekk hawn japplika l-principju stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 12**, fejn meta il-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha"* **("Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb" -** A. C. 30 ta' Marzu 1997).

Illi dan huwa wkoll konformi mal-principju *'contra scriptum non est argumentum',* li jibqa' japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa minn xi element kostituttiv taghha, prova li ovvjament f'din l-kawza ma ingabitx jew ahjar ma ingabitx b'mod konkudenti, anzi il-provi tac-Centru konvenut fl-opinjoni ta' din il-Qorti, jikkonferma t-tezi attrici, u iktar sinifikanti, l-kontenut tal-istess kuntratt u dan huwa ferm sintomatiku anke jekk wiehed ihares lejn ix-xhieda ta' Concetta Avallone, in-Nutar Joseph Brincat, Dr. Joseph Schembri u Carmel Bugeja, iktar u iktar fil-kwotazzjonijiet fuq testwalment citati rispettivament mill-istess xhieda, u ghall-liema kwotazzjonijiet fuq indikati din il-Qorti qed taghmel riferenza ampja. **("Joseph Grech Sant nomine vs Avukat Dr. Riccardo Farrugia *et nomine*" -** A.C. 28 ta' Frar 1997).

Illi dawn il-principji gew konsistentament ribaditi mill-Qrati taghna, inkluza minn din il-Qorti kif presjeduta tant li fis-sentenzi **"Emmanuel Schembri et vs Leonard Ellul et"** (P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2000) u **"Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni"** (P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001) gie ri-affermat li *"huwa principju generali fl-interpretazzjoni tal-kuntratti dak stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 16** u cioe' li meta "il-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu taz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni".* Tal-istess portata hija s-sentenza **"Alfrida Borg vs Carmen Camilleri *et"*** (P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2001).

Illi bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li "*l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. "Pacta sunt servanda*". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).

Illi l-istess s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tkompli tghid "*Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu*" (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).

Illi intqal inoltre anke fis-sentenza **"General Cleaners Company Limited vs Attorney General et"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 li "*l-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza "**Beacom vs Spiteri Staines"** – ibid; "**Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. RCP. 12 ta' Lulju 2001; "**Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. RCP. 30 ta' Novembru 2000; "**Emanuel**

**Schembri vs Leonard Ellul" –** P.A. RCP 30 t'Ottubru 2001).

Illi ghalhekk jirrizulta, u din anke hija *r-ratio* tal-ligi, (**art. 1004 tal-Kodici Civili**) illi l-interpretazzjoni li trid tinghata, meta klawsola tista' tfisser haga u ohra, din ghandha tinftiehem dik il-haga li biha jista' ikun hemm xi effetti milli dik il-haga li biha ma seta' ikun hemm ebda effett. Disposizzjoni li tirrifletti l-principju "*in dubiis interpretatio capienda est, ut dispositio potius valeat quam pereat".*

Illi fil-kaz odjern ma hemm l-ebda lok ta' disgwid f'dak li l-partijiet ftehmu li kellu jsir fit-transazzjoni mertu tal-kawza odjerna, u fil-fatt ix-xhieda kollha qabblu li dak li finalment gie miftiehem kien li tali flus kellhom jinghataw lic-Centru bhala self, u dak biss kien li tnizzel fil-kuntratt. Inutili li wiehed jidhol fil-kwistjoni jekk l-istess partijiet qabel ma gie redatt l-istess kuntratt kellhomx intenzjoni ohra li tali flus jinghataw minnhom b'donazzjoni, stante li wara s-suggeriment tal-Avukat Dottor Joseph Schembri, l-partijiet kollha li kienu ser jaghtu l-flus lill-istess Centru, kollha qabblu mieghu, u kienet biss din it-tezi li giet pprezentata lill-istess Nutar Joseph Brincat, li abbazi ta' tali qbil quddiemu irrediga l-istess kuntratt fit-termini precizi hemm indikati ta' self b'obbligu ta' rifuzzjoni.

Illi dwar dan kemm l-attur, kif ukoll l-Avukat Dr. Joseph Schembri, Concetta Avallone, in-Nutar Joseph Brincat u Carmel Bugeja, kienu carissimi u konsistenti, u lkoll qabblu li l-istess ftehim kien wiehed ta' self, kif fil-fatt miktub, u

allura fl-isfond ta' dan kollu jidher li mhux biss il-kuntratt huwa car fih innifsu u jimmanifesta l-intenzjoni tal-partijiet kontrajenti, izda addirittura l-istess xhieda kollha ikkonfermaw fix-xhieda taghhom li dik verament kienet l-intenzjoni taghhom.

Illi dan huwa supplimentat mill-fatt li tali kuntratt jinkludi l-obbligazzjoni ta' rifuzzjoni, u wkoll gie istitwit privilegg specjali fuq il-fond mixtri mill-ghaqda konvenuta, sabiex tigi garantita l-istess rifuzzjoni, u dan huwa iktar sinifikanti meta tnejn mill-komparenti kienu qed jidhru tramite prokuraturi, tant li ghall-attur dehret martu in forza ta' prokura esebita a fol.10 tal-process, fejn l-awtorizazzjoni kienet biss limitata ghall-self, u kwantu ghall-Avukat Dr. Joseph Schembri li kien qed jidher ghas-socjeta` Stones Company Limited, u l-iskop dikjarat tieghu kien li jissalvagwardja l-interess tal-klijent tieghu, kif fil-fatt ghamel *entro* it-termini tal-mandat dikjarat tieghu kif manifestat mix-xhieda tieghu u dik tal-istess Victor Vella. Illi ghalhekk in vista tal-premess jidher car li fil-kuntest premess, it-tieni eccezzjoni tal-ghaqda konvenuta ma tistax tigi milqugha peress li jidher li l-attur *inter alia* silef lill-ghaqda konvenuta.

Illi fit-tieni lok jidher li l-istess attur silef l-istess flus tant li jirrizulta li martu dehret fuq il-kuntratt f'isem zewgha kif jidher mill-istess prokura a fol. 10 tal-process, u ghalhekk jidher li l-attur *vis-à-vis* l-ghaqda konvenuta ghandu interess li jaghmel il-kawza, proprju ghaliex huwa kien il-persuna li silfet l-istess flus lic-Centru konvenut, kif jidher car mill-istess kuntratt.

Illi fil-fatt l-attur f'dak iz-zmien tal-kuntratt kien il-kap tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu, u ghalhekk il-prezenza tieghu fuq l-istess kuntratt kienet wahda necessarja, anke fil-veste tieghu tal-kap tal-komunjoni tal-akkwisti. Illi dwar jekk il-flus mislufa humiex tal-attur jew ta' martu din ma hijiex konsiderazzjoni mertu tal-kawza odjerna, stante li huwa cert li l-attur dejjem kellu u ghandu d-dritt li jitlob lura l-ammont ta' flus li huwa silef lill-ghaqda konvenuta fuq l-istess kuntratt, u wkoll *ai termini* tal-istess kuntratt.

Illi dan apparti l-fatt li l-provi tal-ghaqda konvenuta fuq dan il-punt ma huma xejn konvincenti, u certament ma jwaslux lil din il-Qorti sabiex tadotta l-istess versjoni, kemm ghaliex kieku ma kienx hemm bzonn li mart l-attur titlob il-permess tieghu sabiex taghti l-istess flus b'titolu ta' self, u fil-kaz li tali flus kienu naxxenti minn self iehor in parti ta' omm mart l-attur, il-presenza necessarja fuq il-kuntratt kienet dik tal-omm u mhux tal-attur. Ghalhekk anke f'dan is-sens din it-tieni eccezzjoni qed tigi wkoll michuda. Dan apparti li l-posizzjoni llum ghal dak li jirrigwarda l-kunsens ta' parti mizzewga hija dik spjegata fl-**artikolu 1326 tal-Kap 16,** li taghti dritt biss lill-parti mizzewga li titlob l-annullament tal-istess att ghar-ragunijiet hemm indikati u mhux lill-terzi persuni. **"Vincent Spiteri et vs Martin Mangion et"** (A.C. (JSP) 3 ta' Ottubru 2001).

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tikkundanna lill-istess Centru konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) flus lilu mislufa u dovuta kif fuq inghad, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fl-10 ta' Lulju 1996 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra c-Centru konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Frar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Frar 2002.**